# IL-PROFESSUR DR. NIKOLA ZAMMIT M.D.
# Tabib, Professur tal-Filosofija, Perit, Ġurnalista, Disinjatur, Letterat u Kittieb Storiku

## L-ARKITETT TAL-FAMUŻA FAĊĊATA TAL-KNISJA TA' SAN PUBLJU TAL-FLORIANA

*Kitba tal-Kanonku Jos. Bonello*



**Il-Professur - It-Tabib NIKOLA ZAMMIT**

"Vir Magni Ingenii Artium Liberalium Cultor..."
(Raġel ta' ġieħ kbir u mħarreġ tajjeb fl-Arti).

Hekk hemm miktub taħt ir-ritratt ta' Dr. Zammit fis-sagristija tal-Parroċċa tas-Siġġiewi (1). U bir-raġun, għax Dr. Zammit ma kienx biss tabib, iżda wkoll Professur tal-Filosofija fl-Università ta' Malta, arkitett famuż li għamel l-isbaħ faċċati tal-knejjes tagħna, disinjatur mill-aqwa, ġurnalista ta' fama, kittieb ta' l-arti, studjuż u kritiku storiku. F'kelma waħda kien tassew ġenju li għamel ġieħ mhux biss lis-Siġġiewi, art twelidu, iżda lil Malta kollha.

Tajjeb għalhekk li fiċ-Ċentinarju tal-mewt tiegħu, infakkru daqsxejn lil dan il-Malti għall-ġieħ u l-ġid li huwa għamel u wettaq għal Malta pajjiżu.

### MIN KIEN ?

Nikol Zammit twieled fis-Siġġiewi fl-20 ta' Novembru 1815. Il-ġenituri tiegħu kienu Ġannikol Zammit u Vinċenza Vella (2). Il-laqam tal-familja kien "Ta' Nieża". L-aħwa ta' Nikol kienu tnax, fosthom żewġ saċerdoti, Dun Ġużepp u Dun Lawrenz. M'Anna, oħt it-Tabib Nikol, kienet in-nanna ta' Nazzareno Pisani, bniedem li kien popolari ħafna fis-Siġġiewi, ex-Membru Parlamentari Nazzjonalista. Qarib ieħor ta' Nikol kien Kalċidon Zammit, ex-Membru Parlamentari Laburista.

Nikol studja fis-Seminarju li kien l-Imdina, imbagħad fl-Università fejn laħaq Tabib ta' 23 sena. Għal sitt snin sħaħ serva ta' tabib fis-Siġġiewi, u wara, fl-1845 mar joqgħod il-Belt, meta nħatar tabib tal-ħabs.

Fl-1852 iżżewweġ lit-tfajla Melita Schranz, bint il-pittur Schranz. Għal 13-il sena kien Kap Gwardjan ta' l-Akwidotti u meta kellu 60 sena nħatar Professur tal-Filosofija fl-Università tagħna, wara li f'konkors li kien sar ġie l-ewwel. Dam jgħallem il-Filosofija sa kemm miet f'Tas-Sliema fid-29 ta' Lulju, 1899 fl-għomor ta' 83 sena (3).

### PERIT BLA "WARRANT"

Għalkemm ma għamel l-ebda kors ta' Perit fl-Università, Dr. Zammit wera ħila li ma titwemminx bħala Arkitett. Xhieda ta' hekk hija l-faċċata ta' San



**IL-FAĊĊATA TAL-KNISJA PREŻENTI**

Pawl tal-Belt li saret fl-1886 u qamet £3,000, il-faċċata ta' San Publju l-Floriana li bdiet tinbena fl-1885 u qamet £9,000 (somma kbira għal dak iż-żmien), il-faċċata taż-Żurrieq u n-navi u l-portiku tal-knisja tas-Siġġiewi li x-xogħol sar mill-Mastru Lunzjat Schembri li sewa £2,420 (4). Nikol għamel ukoll pjanta sabiħa ferm għall-Parroċċa tan-Naxxar, iżda qatt ma ġiet esegwita (5). Għamel diversi pjanti oħra għall-kappelli fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata u rrestawra l-knisja ta' San Pietru f'M'Xlokk.

## DISINJATUR MAGĦRUF

Nikol kien imfittex ħafna għad-disinji sbieħ tiegħu. Ix-xogħol tiegħu jinsab mhux biss fil-knejjes tagħna, iżda wkoll għand familji privati. F'Bormla hemm id-disinn tal-Ventartal tal-Maġġur, xogħol tajjeb ferm tal-arġentier Roberto Cannataci, it-tużell li sar fl-1899, id-dekorazzjoni tas-saqaf, li wara ġie rranġat mill-artist Bormliż Abram Gatt, u l-famuż apparat speċjali hija l-kappa taċ-Ċelebrant. It-tużell tal-Katidral, tas-Siġġiewi, ta' San Ġorġ Ħal Qormi huma tiegħu wkoll. Il-paviment taż-Żejtun u ta' Bormla huma disinn tiegħu, li saru mid-"Ditta Buhagiar" li kienet il-Blata l-Bajda. Nikol għamel għadd kbir ta' disinji għall-armar tal-festi, tappezzeriji, ventartali eċċ. Tiegħu hija l-kolonna tal-Papa Piju IX ta' Bormla. L-Ark Trijonfali li kien jintrama fi Triq San Pawl, il-Belt huwa wkoll disinn tiegħu.

*Il- Professur Dr. Nikola Zammit M.D.*



**ID-DISINN TAL-KAMPNAR**

Kien ukoll Nikol Zammit li wettaq id-disinji ta' l-armi ta' l-irħula u l-ibliet ta' Malta. Dawn l-armi llum qegħdin jintużaw mill-Kunsilli Lokali tagħna (6). Dawn l-armi ġew adattati u oħrajn miżjuda minn Mr. Adrian Strickland, espert fl-eraldika.

## KITTIEB U LETTERAT

Dr. Zammit kien kittieb tajjeb u letterat mill-aqwa. Kiteb bil-Latin, bit-Taljan u bil-Franċiż. Il-gazzetti "L'Arte", "L'Ordine" u "La Rivista" huma mimlija bl-artikli tiegħu fuq suġġetti differenti. Kiteb dwar il-letteratura, filosofija, xjenza u reliġjon u dejjem iddefenda dak li huwa sabiħ, tajjeb u nisrani. Fl-1862 kiteb bit-Taljan rumanz storiku dwar "L-Għarusa tal-Mosta" li Ġużè Muscat Azzopardi qalbu għall-Malti, u li ġie stampat ħames darbiet. Ktieb ieħor huwa dwar il-ħażna ta' l-ilma f'Malta, u ieħor dwar il-konservatorju Vinċenzo Bugeja. Kiteb kontra l-piena tal-mewt u stqarr li l-forka f'Malta kienet għajb għal pajjiż ċivilizzat. L-aħħar ktieb tiegħu huwa "Pensieri d'Un Retrogrado", maħruġ fl-1800, meta l-awtur kellu 73 sena (7).

Dr. Zammit wera wkoll ħila kbira bħala konferenzier. Huwa għamel għadd ta' konferenzi fuq suġġetti differenti f'diversi postijiet pubbliċi, fejn wera tassew il-kapaċità tiegħu bħala oratur.

## IMFAKKAR MIS-SIĠĠIWIN

Is-Siġġiwin ftakru f'Dr. Nikol fis-sena 1959, meta fi żmien l-Arċipriet Dun Pawl Attard reġa' tqiegħed ir-ritratt tat-Tabib Zammit fis-sagristija tal-Parroċċa tar-raħal. Issemmiet ukoll triq għalih, meta saret Akkademja Mużiko-Lettararja, imbagħad f'għeluq il-160 sena mit-twelid tiegħu, saret Akkademja oħra, taħt il-Presidenza ta' l-Arċisqof Gonzi. (8)



**Lapida ta' l-ewwel ġebla tal-faċċata li tinsab wara l-bieb il-kbir.**

## *IL-PROFESSUR DR. NIKOLA ZAMMIT M.D.*

Żgur imbagħad l-iktar ġieħ li sar lill-Prof. Zammit huwa l-monument li sar bi tħabrik ta' l-Għaqda Kulturali Siġġiewi. Prosit lil Dun Nikol Aquilina, lil Dr. Kalċidon Zammit, u l-poeti Karmenu Vassallo u Pawlu Aquilina li tant stinkaw u ħadmu biex dan il-monument-isir ! (9)

Barra s-Siġġiwin, ftit huma dawk li ftakru f'dan il-ġenju Malti, tant li skond il-gazzetta "Malta" (28/7/ u 2/8/1899) fil-funeral ta' Dr. Zammit minn Tas-Sliema sas-Siġġiewi "ftit wisq kienu dawk....... li mxew siekta wara l-kadavru tiegħu". Is-soltu tagħna! Kien diġà ntesa fl-aħħar snin ta' ħajtu.

Xorta waħda, iżda, Nikol Zammit jibqa' mfakkar bħala wieħed mill-ġenji li bihom għandha għalfejn titkabbar Malta tagħna. L-opri stupendi tiegħu, ix-xogħol lettararju u storiku tiegħu huma xhieda u monument ħaj biex ismu jibqa' minqux fl-Istorja ta' din l-Art Ħelwa li tatna isimha.

**Referenzi**

1. Il-kibta bil-Latin li hemm taħt ir-Ritratt ta' Dr. Zammit fis-Sagristija hija xogħol ta' Dun Joseph Aquilina "Ta' Ranoa", saċerdot ħabrieki u ta' għerf mhux komuni.
2. Arkivju Parr. tas-Siġġiewi Lib. Bapt. 20/XI/1815.
3. It-Torċa, 3 ta' Ġunju 1984, kitba ta' Karmenu Vassallo.
4. Bliet u Rħula Maltin. A. Guillaumier, p. 32, 192, 210.
5. In-Naxxar, Paul Catania p. 276, 278.
6. Storja ta' Malta u Għawdex. G. Faurè Vol. IV, p. 116.
7. It-Torċa, 3 ta' Ġunju, 1984, Kitba ta' Karmenu Vassallo.
8. Barra li kien tabib, professur tal-Filosofija, arkitett, disinjatur, ġurnalista, kittieb, studjuż u kritiku ta' l-arti, ħadem b'riżq il-poplu tas-Siġġiewi fejn, fis-sena 1883, it-tabib Nikola Zammit, flimkien ma' grupp ta' nies oħra taw il-bidu għall-formazzjoni ta' għaqda mużika li f'dan ir-raħal, li biż-żmien ħadet l-isem ta' Banda San Nikola.
9. Il-monument li kien sar bit-tħabrik ta' l-Għaqda Kulturali Siġġewi, li huwa xogħol ta' l-iskultur Ġanni Bonnici mill-Mosta, ġie nawgurat nhar l-4 ta' Ġunju, 1977 u mbierek mill-Arċisqof Mikiel Gonzi.

Il-Professur Nikola Zammit żgur li jibqa' mfakkar għal dejjem bħala wieħed min-nies kbar li għamel ġieħ kbir mhux biss lis-Siggiewi, raħal twelidu, iżda lil Malta kollha.

BARTOLI CANDLES

LOUIS BARTOLI & SONS LTD.

CANDLE MANUFACTURERS – IMPORTERS – EXPORTERS

INDUSTRIAL ESTATE, RICASOLI, KALKARA

Phone: 663816, 695686 Fax: 695629
Telex: 1814 MW L. Bartoli & Sons Ltd. Rabat
Cables: Bartsons Malta